MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Rikors Numru. 114/2012

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Small Properties Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta' Frar 2012 li sar ai termini tal-Artikolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta u li permezz tieghu ir-rikorrenti qeghda titlob li jergu jigu rezi ezewgibbli kuntratti ta' self tat-23 ta' Jannar 2008 atti nutar Dr Joseph Henry Saydon u 20 ta' Dicembru 2007 atti nutar Dr Pierre Cassar.

Ghalkemm l-intimata giet notifikata hadd ma deher ghaliha.

Mill-atti jidher li t-talba tar-rikorrenti ghandha mis-sewwa. Fil-fatt jirrizulta li:-

i. B’kuntratt tat-23 ta’ Jannar 2008 l-intimata nghatat self ta’ €372,699.74 ghax-xiri ta’ djar u art f’Ghajnsielem, Ghawdex.
ii. B’kuntratt tal-20 ta’ Dicembru 2007 l-intimatata nghatat self ta’ €815,280.68 ghax-xiri ta’ art gewwa Hal Luqa.
iii. Skond is-sanction letter datata 19 ta’ Novembru 2007, dan is-self kellu jithallas lura *“….from the company’s share of the sale of proceeds of the land at St. Anthony Street, Ghajnsielem, Gozo, exclusive of interest and are to clear in full by latest 30 August 2008. In this regard the Bank will be prepared to waive its hypothecary rights on loan basis against a deposit to repay in full Loan 4 and 5.”*. Skond ittra ohra datata 27 ta’ Jannar 2009 jirrizulta li kien hemm revizjoni ta’ meta kellu jsir il-hlas, fis-sens li kellu jithallas id-dejn kollu sas-16 ta’ Novembru 2009.
iv. L-ahhar hlas li sar mill-intimata kien fl-4 ta’ Marzu 2009, u jidher li s’issa l-pagamenti li saru jirreferu ghall-hlas ta’ imghax.
v. Permezz ta’ ittra ufficjali prezentata fit-18 ta’ Marzu 2011 u notifikata fl-24 ta’ Marzu 2011, il-kuntratt fuq imsemmija gew rezi ezegwibbli.

**Ghaldaqstant, il-qorti tilqa’ t-talba u terga’ tirrendi ezegwibbli l-kuntratti fuq imsemmija. Spejjez a karigu tal-intimata.**

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------